**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Leonard Falzon**

Numru 1339/2012

Illum id-disgha (9) ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Leonard Falzon** detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 445074(M), akkuzat talli:

1. nhar id-29 ta' Settembru 2012 ghal habta tas-2:00pm gewwa Triq Melita l-Belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Paul Borg f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi u dan bi ksur ta' Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 71) datata 9 ta' Gunju 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) fl-Artikoli 17, 31, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tas-16 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 72), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-9 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 71), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni u mill-parti leza.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, lill-Prosekuzzjoni taghmel is-sottomissjonijiet finali taghha (*a fol.* 97).

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 96) u l-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 100).

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015, is-sottomissjonijiet finali tad-difiza (*a fol.* 112 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.
Illi, fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, xehed **Paul Borg** (*a fol.* 12 *et seq.*) fejn qal li l-imputat joqghod faccata tieghu. Jilmenta li l-

imputat jiffrekwenta mara li toqghod magenbu (ma' genb Paul Borg) u jiddeskriviha bhala arroganta u pastaza. Jghid li ma' din il-persuna kellu t-tikketta u li kull meta tarah jiknes kienet twaddablu t-*toilet paper* mill-gallarija. Jghid li dakinhar tal-akkadut ghall-habta tas-1.30pm/is-2.00pm kien hemm ghadma ta' hawha u hu (Borg) ixxutjaha mal-bankina l-ohra u l-imputat qallu: *"Skuzi annimal tiftax zibel barra"* (*a fol.* 14). Jghid li l-imputat mar ghalih, hu (Borg) kellu njama wara l-bieb u tah daqqa biha fuq saqajh (lill-imputat), l-imputat qabdu minn idejh, nizzlu madwar sitt jew seba' darbiet fuq il-warrani tieghu u farraklu l-ghadma tal-warrani. Jghid li hu (Borg) ma felahx iqum mill-art u dahal imkaxkar lejn id-dar. Jixhed li saritlu operazzjoni gewwa l-iSptar Mater Dei fejn dam gimghatejn. Jghid li ghandu pjanca go rkuptejh u kif ukoll hamsa u ghoxrin punt minn barra, barra li hemm fuq gewwa.

In <u>kontro-ezami</u> jaqbel li kien hu (Borg) li ta l-ewwel daqqa ta' injama lill-imputat peress li ried jiddefendi ruhu. Jghid li l-imputat attakkah u ghas-suggeriment tad-difiza li l-imputat qallu l-kelma *"annimal"* u hu (Borg) qabad mall-ewwel u mar jaghtih id-daqqa bl-injama, wiegeb li lehqu ghaddew madwar hames minuti. Mistoqsi jghid x'gara tul dawn il-hames minuti, wiegeb: *"Tajtu d-daqqa ta' injama jiena bil-mod, ghax jiena ma tajtielux b'sahhti lanqas eh u qabadni hekk u baqa' jaghtini go l-art"* (*a fol.* 16).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013, xehed **PS 549 Reuben Pace** li kellu jerga' jiehu l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 45) *stante* li d-depozizzjoni moghtija minnu fl-14 ta' Ottubru 2013 ma setghetx tigi traskritta.[1] Huwa kkonferma l-okkorrenza redatta minnu li tinsab immarkata bhala Dok. "RP 1" (*a fol.* 27 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Godwin Scerri** li kellu jerga' jiehu l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 36 *et seq.*) *stante* li d-depozizzjoni moghtija minnu fl-14 ta' Ottubru 2013 ma setghetx tigi traskritta.[2] Huwa spjega li fid-29 ta' Settembru 2012 ircevew rapport minn ghand l-imputat fejn qal li kien ghad kemm kellu

[1] *Vide* Digriet datat 15 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 34).
[2] *Ibid.*

argument ma' Paul Borg. Jispjega dak li rapporta l-imputat. Jghid li l-imputat stqarr li kien sofra xi griehi hfief pero ma ried jiehu l-ebda passi fil-konfront ta' Borg. Jghid li Borg kien ittiehed l-isptar minhabba l-griehi serji li kien sofra minhabba dan l-argument. Jispjega li fil-15 ta' Ottubru 2012 rcieva kwerela ghan-nom ta' Paul Borg fejn il-Pulizija giet mitluba tohrog akkuzi fil-konfront tal-imputat minhabba li Borg kien sofra griehi gravi. Jghid li rrizultalu li Borg kien iddahhal l-isptar fid-29 ta' Settembru 2012 u gie rilaxxat fl-4 ta' Ottubru 2012. Jixhed li talab li jinghata kopja tal-*file* mediku ta' Borg fejn gie ndikat lilhom li l-griehi sofferti minn Borg kienu ta' natura gravi u gew infurmati wkoll dwar l-interventi kirurgici li kellu jinghata Borg. Ikkonferma li fit-12 ta' Jannar 2013 l-imputat irrilaxxa stqarrija, liema stqarrija tinsab immarkata bhala Dok. "GS 3" (*a fol.* 32). Jghid ukoll li l-*file* mediku ta' Borg huwa dak li jinsab immarkat bhala Dok. "GS 4" (*a fol.* 33).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2014, xehdet **Norma Baldacchino** (in rapprezentanza tas-Supretendent tal-isptar – *a fol.* 50 *et seq.*) fejn ipprezentat kopja tal-*file* mediku ta' Paul Borg li gie mmarkat bhala Dok. "NB 1" (*a fol.* 52).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2014, xehed **Mr. Thomas Azzopardi** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn spjega li Paul Borg kien idahhal taht il-kura tieghu fid-29 ta' Settembru 2012 u kellu ksur fil-*hip* tal-lemin. Jghid li saritlu operazjoni fejn gie msewwi dan il-ksur u wara beda r-*rehabilitation* li tkompla fl-4 ta' Ottubru 2012 fl-iSptar Karen Grech. Ikklassifika l-griehi sofferti minn Borg bhala gravi u jghid li sakemm Borg baqa' taht il-kura tieghu (cioé sal-4 ta' Ottubru 2012) ma kienx hemm kumplikazzjonijiet.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014, xehed **Leonard Falzon** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn spjega li Paul Borg u hu huma girien u joqghodu faccata ta' xulxin. Jghid li qabel l-akkadut mertu ta' dawn il-proceduri kien hemm incidenti ohra bejniethom. Jghid li dakinhar tal-akkadut hu (l-imputat) kien sejjer fi triqtu lejn id-dar u Borg qabad l-ixkupa u beda jiknes u f'kaz li kien hemm xi sigaretti kien jixhithom fuq in-naha tieghu (tal-imputat). Jghid li ta' magenbu (tal-imputat) qallu biex ma jaghmilx hekk u li Borg qallu biex ma jindahalx, f'liema hin l-imputat qallu li l-gar kellu ragun u li Borg

qabad joffendih b'ommu (lill-imputat). Jghid li Borg hareg lembuba u fajjarielu go siequ. Jghid li hu (l-imputat) ipprova jehodlu l-lembuba. Ghad-domanda jekk fuq Borg rax xi griehi jew rax li kellu xi haga, wiegeb: *"Le, le xejn, infatti gabruh lanqas kont naf li kiser jew hekk jien xejn, just waqa' hu u ppruvajt nehodlu l-lembuba jien ghax kienet marbuta l-lembuba mhux bicca injama kif hemm miktub"* (*a fol.* 75). Jghid li hu (l-imputat) ma kellu xejn f'idejh. Wara li nqrat lilu l-istqarrija (Dok. "GS 3" – *a fol.* 32) rilaxxata minnu lill-Ufficjal Prosekutur, l-imputat ikkonferma l-istqarrija bil-gurament. Jghid li huwa (l-imputat) sofra xi griehi hfief f'dan l-incident u ma jafx jekk ittiehdux passi kriminali fil-konfront ta' Borg. Jghid li jahfirlu lil Borg.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-lembuba *ossia* injama li gab Borg gabha mid-dar. Jghid li din kienet marbuta ma' jdejn Borg. Jghid li hu pprova jehodlu l-injama peress li Borg kien jibqa' jaghtih biha. Mistoqsi jghid kif ipprova jehodielu wiegeb li olza lil Borg u pprova jehodielu. Jghid li lil Borg ghollieh mill-art. Jixhed li meta olza lil Borg, Borg baqa' jxejjer u mistoqsi jghid jekk regax waddbu mal-art, jichad. Ghad-domanda: *"Olzajtu u hallejtu jaqa' wahdu?"* (*a fol.* 78), wiegeb: *"X'naghmel? Jekk kienet marbuta"* (*a fol.* 78). Ghad-domanda x'gara wara li olza lil Borg, wiegeb li Borg waqa' fl-art. Jghid li Borg nizel bil-mod. Jichad li mbotta lil Borg u jghid li hu (l-imputat) beda jzomm il-lembuba. Jghid li l-girien firduh minn ma' Borg.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, xehdet **Rita Debattista** (*a fol.* 82 *et seq.*) fejn spjegat li hija gara tal-imputat u ghamlet xi zmien tohrog mieghu. Tghid li dakinhar tal-akkadut kienet flimkien mal-imputat f'liema hin Paul Borg kien barra jiknes u certu Freddie lil Borg staqsieh ghala kull darba li kien jiknes kien jitfa' l-hmieg quddiem il-bieb tieghu (ta' Freddie). Tghid li Paul Borg beda jitkellem hazin, qabad li kellu mill-ixkupa u kinsu n-naha tal-imputat u l-imputat staqieh jekk hu (l-imputat) kienx *skip*. Tghid li Borg lill-imputat qallu: *"Mur hudu f'omm ommok dik il-qahba"* (*a fol.* 83) u qallu wkoll: *"Issa nurik jien x'jiena"* (*a fol.* 84). Tispjega li Borg dahal u hareg lembuba li kienet marbuta ma jdejh u Borg ta daqqa biha fuq sieq l-imputat. Tghid li hija certa li l-imputat ma ta l-ebda

daqqa lil Borg pero tghid li l-imputat beda jipprova jzomm lil Borg. Tghid li waqt li Borg kien qed idur, huwa rewa saqajh u waqa'.

In kontro-ezami tghid li hija tal-fehma li l-imputat huwa aktar b'sahhtu minn Paul Borg. Tispjega li filwaqt li Borg ghandu 73 sena, l-imputat ghandu madwar 44 sena u li filwaqt li Paul Borg ghandu statura irqieqa, l-imputat huwa persuna mimlija. Tikkonferma li f'xi hin l-imputat u Borg kienu qed jissieltu mal-art. Tghid li ghal bidu kien hemm Paul Borg fuq u wara nqalbu ghax Borg waqa'. Tixhed li Borg kellu daru mal-art u l-imputat kien qed jipprova jzommu biex ma jergax jaghtih daqqa f'liema hin l-imputat kellu wiccu jhares lejn Paul Borg. Tghid li fl-ebda hin ma rat lill-imputat jolza mill-art lil Paul Borg.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2015, xehed **Alfred Vella** (*a fol.* 90 *et seq.*) fejn spjega li huwa joqghod magenb l-imputat u faccata ta' Paul Borg. Jghid li dakinhar tal-akkadut kien qieghed fit-tieqa u f'hin minnhom hareg Paul Borg jiknes u tefa' xi imbarazz bejnu (Vella) u bejn l-imputat. Jghid li Borg qallu li hemm ried jitfghu, ma jafx x'inghad bejn l-imputat u Borg u f'hin minnhom Borg dahal jigri f'daru u hareg lembuba f'idejh u pprova jaghti lill-imputat fuq saqajh. Jghid li l-imputat ipprova jehodilu biex ma jaghtihx biha. Jghid li t-tnejn li huma bdew jigbudha 'l hemm u 'l hawn u mbaghad Paul Borg waqa'. Jghid li ma jafx kif waqa'. Jghid li ma jafx x'ghamel l-imputat meta waqa' Borg. Jghid li sa fejn jaf hu gie persuna li gabar lil Borg u hadu bil-qeghda fuq it-targa.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-istqarrija (Dok. "GS 3" – *a fol.* 32) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur Scerri, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa ha dan id-dritt, l-imputat qal li Borg joqghod faccata tieghu u ghandu l-vizzju li kull ma jkollu f'idejh jixhtu minn gewwa l-gallarija ghal quddiemu (quddiem l-imputat). Jghid li Borg jitfa' kull karta u sigarett quddiem l-ghatba tieghu (tal-imputat). Fir-rigward tal-akkadut mertu tal-proceduri odjerni jaqbel li huwa kien mar jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija li minhabba dan l-argument kien sofra griehi hfief. Mitlub jispjega x'gara jghid li Borg qabad xkupa

u l-gar taghhom Fredu Vella qallu (lil Borg) biex ma jwaddab xejn l-hemm u Paul Borg qallu li ma kienx qed jixhtu wara biebu u qallu biex ma jindahalx. Jghid li ghadda hu (l-imputat) u qallu biex ma joqghodx jixhet quddiem biebu u li Borg offendieh u wara xi hin qallu li kien ser jurih kemm kien ragel u hareg lembuba u beda jxejjirha ma' wiccu (ma' wiccu l-imputat) u ma' wicc Rita Debattista li kienet mieghu. Jghid li Borg tah daqqa f'saqajh u mar biex jehodlu l-lembuba li kienet marbuta ma' jdejh. Jichad li hu (l-imputat) ta xi daqqiet lil Borg bil-lembuba. Jikkonferma li fil-hin li hu (l-imputat) kien qed jipprova jehodlu l-lembuba, Borg waqa' mal-art. Jghid li ma jafx kif waqa'. Jichad li mess lil Borg. Jghid li hu mar biex jigbed il-lembuba, olza lil Borg, mar Frans u zied jghid: *"issa jekk waqa' u kisser l-hip bone ma nafx jien. Jiena zgur ma tajtux biha […]. Kieku ma kienitx marbuta l-lembuba nehodilu kont min idejh"* (*a fol.* 32 *tergo*).

**Ikkunsidrat**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata lill-imputat hija vera u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubbju ragjonevoli, cioé oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li *"dubbju jkun dak <u>dettat</u> mir-raguni".*
Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak

il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza Paul Borg. Il-Qorti tinnota li m'huwiex kontestat li kien hemm argumenti ohra bejn Paul Borg u l-girien tieghu, inkluz l-imputat, qabel dak mertu ta' dawn il-proceduri. M'huwiex kontestat lanqas li l-argument mertu ta' dawn il-proceduri gara waqt li Paul Borg kien qed jiknes quddiem il-bieb f'liema hin kien hemm il-gar tieghu Alfred Vella u f'liema hin kienu gejjin l-imputat u Rita Debattista. M'huwiex kontestat lanqas li Paul Borg gab injama u mar jaghti daqqa biha lill-imputat f'saqajh. Dak li huwa kontestat huwa li mentri Paul Borg jghid li l-imputat qabdu minn idejh, nizzlu madwar sitt jew seba' darbiet fuq il-warrani tieghu u farraklu l-ghadma tal-warrani, l-imputat, filwaqt li jghid li ried jiehu l-injama minn idejn Paul Borg biex ma jkomplix jaghtih biha, jikkonferma li olza lil Paul Borg pero jghid li Borg waqa' fl-art bil-mod u jichad li mbotta lil Paul Borg.
Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel ghandha taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward kif gew kagunati l-griehi sofferti minn Paul Borg u f'kaz li tasal ghall-konkluzjoni li dawn saru tort

tal-imputat imbaghad tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-griehi *per se* sofferti minn Paul Borg.

Illi l-Qorti tinnota s-segwenti:

- Mix-xiehda prodotti f'din il-kawza, huwa biss Paul Borg li jghid li l-imputat qabdu minn idejh u nizzlu madwar sitt jew seba' darbiet fuq il-warrani tieghu. Din il-verzjoni moghtija minnu ma giet korroborata minn hadd.

- Filwaqt li l-imputat jikkonferma li huwa olza lil Paul Borg sabiex setgha jehodlu dik li huwa jsejjah bhala "lembuba" minn idejh, jichad li f'xi hin waddab lil Paul Borg mal-art. Jghid li l-imputat waqa' mal-art. *Da parte* taghha, Rita Debattista, filwaqt li tikkonferma li l-imputat ma ta l-ebda daqqa lil Borg, tghid li l-imputat beda jipprova jzomm lil Borg u waqt li Borg kien qed idur, huwa rewa saqajh u waqa'. Hija fl-ebda hin ma rat lill-imputat jolza lil Paul Borg. Minn naha l-ohra, Alfred Vella jghid li waqt li l-imputat mar biex jipprova jiehu l-injama minn ghand Paul Borg, it-tnejn li huma bdew jigbduha 'l hemm u 'l hawn u mbaghad Paul Borg, minghajr ma jaf kif, waqa'.

- Mir-rapport (Dok. "RP 1" (*a fol.* 27 *et seq.*)) jemergu s-segwenti:

    - Meta Paul Borg iddahhal l-isptar, Borg infurmahom li l-ksur li sofra f'saqajh kien garrabhom minhabba li waqa' erba' targiet fir-residenza tieghu (*a fol.* 30). Lill-Pulizija, Paul Borg qallu: *"Hrigt u tajtu daqqa biha go saqajh. Hu izghar minnu u zammieli. Prova jehodhieli u spiccajt imdendel mieghu u ma' l-injama. Spiccajt minn taht jien ghax waqajt ma l-art. Bl-injama beda jrossni u tela' fuq saqajja. Baqa' jaghfas bl-injama bil-piz tieghu kollu fuqi. Kissirli saqajja u mnalla waqfuna n-nies ghax nahseb kien ikompli jtini. Wara beda gej ugiegh ta' l-ghageb u spiccajt l-isptar b'ambulanza"* (*a fol.* 30). Lanqas fil-verzjoni moghtija minn Paul Borg lill-Pulizija ma jirrizulta li l-imputat olza lil Borg diversi drabi kif Borg xehed quddiem il-Qorti.

- L-imputat jghid li Paul Borg hareg lembuba ghalih u lahaq xejjirlu daqqa fuq siequ biha. Jghid: *"Hu spicca mal-art bl-argument u jien tlaqt u spiccajt biex ghamilt dan ir-rapport"* (*a fol.* 29).

- Rita Debattista tghid li wara li Paul Borg hareg lembuba u qabad jaghti biha lill-imputat, l-imputat zammlu din il-lembuba u Paul Borg zelaq u waqa'.

- Fl-istqarrija (Dok. "GS 3" - *a fol.* 32) rilaxxata mill-imputat, liema stqarrija giet konfermata mill-imputat stess meta ha l-pedana tax-xhieda, l-imputat jikkonferma li huwa mar biex jiehu l-lembuba li kienet marbuta ma' jdejn Paul Borg. Jichad li hu (l-imputat) ta xi daqqiet lil Borg bil-lembuba. Jikkonferma li fil-hin li hu (l-imputat) kien qed jipprova jehodlu l-lembuba, hu olza lil Borg meta mar biex jigbed il-lembuba u li Borg waqa' mal-art u ma jafx kif waqa'.

**Ikkunsidrat**

Illi, apparti l-fatt li Borg stess biddel il-verzjoni tieghu li huwa ta meta ttiehed l-isptar meta din tigi mqabbla mal-verzjoni li huwa ta lill-Pulizija, jezistu diversi divergenzi bejn ix-xiehda moghtija mill-parti leza u x-xiehda moghtija mill-imputat u x-xhieda prodotti minnu.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni*

> *dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."
>
> (Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet lix-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti tinnota li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat biex gew kagunati l-griehi sofferti mill-parti leza: dawn gew sofferti ghax il-parti leza zelaq u waqa' jew graw tort tal-imputat li olza lill-parti leza diversi drabi? Il-verzjoni moghtija mill-parti leza ma giet korroborrata minn hadd.

Illi wara li l-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u wara li hadet in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm nghad hawn fuq m'hijiex f'pozizzjoni tasal ghal liema verzjoni hija wahda kredibbli u veritjiera u ghalhekk il-Qorti tinnota li hemm konflitt fil-provi li johloq dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-Gudikant jekk il-fatti sehhewx verament kif jallega l-parti leza. In vista ta' dan, il-Qorti tara li ma jkunx *safe and satisfactory* li ssib htija tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti ssegwi l-insejament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija minnha fil-5 ta' Gunju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Farrugia**. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Leonard Falzon hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Alexia Attard**
**Deputat Registratur**